

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1461**tat-8 ta' Awwissu 2017****li temenda l-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE fir-rigward tal-lista ta' pajjiżi terzi jew ta' partijiet mit-territorju tagħhom li minnhom hija awtorizzata l-introduzzjoni fl-Unjoni tal-prodotti tal-laħam u tal-istonkijiet, il-bżieħaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati**

(notifikata bid-dokument C(2017) 5472)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum mill-bniedem ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-frażi introduttiva tal-Artikolu 8, l-ewwel paragrafu tal-punt (1) tal-Artikolu 8, il-punt (4) tal-Artikolu 8, u l-Artikolu 9(4)(c) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE ⁽²⁾ tistabbilixxi, fost l-oħrajn, il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' konsenji ta' ċerti prodotti tal-laħam u ta' stonkijiet, bżieħaq tal-awrina u msaren ittrattati li għaddew minn wieħed mit-trattamenti stipulati fil-Parti 4 tal-Anness II tagħha ("il-prodotti bażiċi").
- (2) Il-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi jew ta' partijiet mit-territorju tagħhom li minnhom hija awtorizzata l-introduzzjoni fl-Unjoni tal-prodotti bażiċi, diment li jkun sarilhom wieħed mit-trattamenti imsemmija fdik il-Parti tal-Anness. Il-Parti 4 ta' dak l-Anness tistabbilixxi t-trattament "A" li mhuwiex speċifiku u t-trattamenti "B" sa "F" li huma speċifiċi, imniżżlin f'ordni dekrexxenti tal-gravità tar-riskju għas-saħħa tal-annimali li għandhom l-għan li jeliminaw.
- (3) Il-Parti 3 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi jew ta' partijiet mit-territorju tagħhom li minnhom hija awtorizzata l-introduzzjoni fl-Unjoni tal-biltong/jerky u tal-prodotti tal-laħam pasturizzati, diment li jkun sarilhom wieħed mit-trattamenti imsemmija fil-Parti 4 ta' dak l-Anness.
- (4) Il-Bożnija-Herzegovina talbet li titniżżel fil-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE bħala awtorizzata għat-tranżitu mill-Bulgarija ta' prodotti bażiċi li jkunu nkisbu minn annimali bovini domestiċi, sabiex dawn il-prodotti bażiċi jiġu esportati lejn it-Turkija.
- (5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 ⁽³⁾ jistabbilixxi, fost l-oħrajn, il-listi ta' pajjiżi terzi, ta' territorji jew ta' partijiet minnhom, li minnhom il-konsenji ta' laħam frisk maħsuba għall-konsum mill-bniedem huma awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni. Ir-Regolament (UE) Nru 206/2010 jawtorizza t-tranżitu ta' laħam frisk ta' annimali bovini domestiċi mill-Bożnija-Herzegovina mit-territorju tal-Unjoni u dak il-pajjiż terz huwa mniżżel kif suppost fil-Parti 1 tal-Anness II tiegħu. Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2007/777/KE tawtorizza wkoll it-tranżitu mill-Unjoni ta' konsenji mill-Bożnija-Herzegovina lejn it-Turkija, ta' prodotti bażiċi miksuba minn annimali bovini domestiċi, diment li dawn il-prodotti bażiċi jkun sarilhom trattament "A" li mhuwiex speċifiku. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Bożnija-Herzegovina titniżżel fil-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE għal dak l-iskop.
- (6) L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja talbet li titniżżel fil-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE bħala awtorizzata għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' prodotti bażiċi li jkunu nkisbu minn tjur.

⁽¹⁾ ĠUL 18, 23.1.2003, p. 11.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE tad-29 ta' Novembru 2007 li tistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll il-mudelli taċ-ċertifikati għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-laħam u tal-istonku, il-bżieħaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2005/432/KE (ĠU L 312, 30.11.2007, p. 49).⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 tat-12 ta' Marzu 2010 li jstabbilixxi listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' annimali partikolari u laħam frisk u r-reqwiżiti relatati maċ-ċertifikazzjoni veterinarja (ĠUL 73, 20.3.2010, p. 1).

- (7) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 ⁽¹⁾ jistabbilixxi, fost l-oħrajn, il-listi ta' pajjiżi terzi, ta' territorji, ta' żoni jew ta' kompartimenti, li minnhom il-konsenji ta' tjur u ta' ċerti prodotti bażiċi tat-tjur jistgħu jiġu importati fl-Unjoni. Ir-Regolament (KE) Nru 798/2008 jawtorizza l-importazzjoni fl-Unjoni ta' laħam tat-tjur frisk għall-konsum mill-bniedem mill-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, u dak il-pajjiż terz huwa mniżżel kif suppost fl-Anness I tiegħu. Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2007/777/KE tawtorizza wkoll l-importazzjoni fl-Unjoni ta' prodotti bażiċi li jinkisbu minn tjur li jkun sarilhom trattament "A" li mhuwiex speċifiku u jenħtieġ li l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja titniżżel fil-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE għal dak l-iskop.
- (8) L-Afrika t'Isfel hija awtorizzata għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' prodotti bażiċi li jinkisbu minn ratiti mrobbija fl-azjendi agrikoli, diment li dawn il-prodotti bażiċi jkun sarilhom trattament "A" li mhuwiex speċifiku u li titniżżel kif suppost fil-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE għal dak l-iskop. Fit-22 ta' Ġunju 2017, l-Afrika t'Isfel ikkonfermat il-preżenza tal-HPAI tas-sottotip H5N8 fit-territorju tagħha u għaldaqstant ma tistax tibqa' titqies bħala pajjiż ħieles minn dik il-marda. Għalhekk, sabiex jiġi evitat li jiddaħħal il-vajrus tal-HPAI fl-Unjoni, jenħtieġ li l-importazzjonijiet ta' prodotti bażiċi li jinkisbu minn ratiti mrobbija fl-azjendi agrikoli mill-Afrika t'Isfel ikunu awtorizzati, diment li dawn il-prodotti bażiċi jkun sarilhom it-trattament speċifiku "D", kif stabbilit fil-Parti 4 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE.
- (9) L-Afrika t'Isfel hija mniżżla wkoll fil-Parti 3 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE bħala awtorizzata għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' biltong/jerky u ta' prodotti tal-laħam pasturizzati li jikkonsistu minn jew li fihom laħam tat-tjur, tjur tal-kaċċa bir-rix imrobbija, ratiti u għasafar tal-kaċċa selvaġġi, diment li dawn il-prodotti bażiċi jkun sarilhom it-trattament speċifiku "E". Wara l-konferma tal-preżenza tal-HPAI fit-territorju tal-Afrika t'Isfel u sabiex jiġi evitat li jiddaħħal il-vajrus tal-HPAI fl-Unjoni, jenħtieġ li jiġu awtorizzati l-importazzjonijiet ta' biltong/jerky u ta' prodotti tal-laħam pasturizzati li jikkonsistu minn jew li fihom laħam tat-tjur, tjur tal-kaċċa bir-rix imrobbija, ratiti u għasafar tal-kaċċa selvaġġi mill-Afrika t'Isfel, diment li dawn il-prodotti bażiċi jkun sarilhom it-trattament speċifiku "D" kif stabbilit fil-Parti 4 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE.
- (10) Iż-Żimbabwe huwa awtorizzat għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' prodotti bażiċi li jinkisbu minn ratiti mrobbija fl-azjendi agrikoli, diment li dawn il-prodotti bażiċi jkun sarilhom trattament "A" li mhuwiex speċifiku u li jitniżżel kif suppost fil-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE għal dak l-iskop. Fl-1 ta' Ġunju 2017, iż-Żimbabwe kkonferma l-preżenza tal-HPAI tas-sottotip H5N8 fit-territorju tiegħu u għaldaqstant ma jistax jibqa' jitqies bħala pajjiż ħieles minn dik il-marda. Għalhekk, sabiex jiġi evitat li jiddaħħal il-vajrus tal-HPAI fl-Unjoni, jenħtieġ li l-importazzjonijiet ta' prodotti bażiċi li jinkisbu minn ratiti mrobbija fl-azjendi agrikoli miż-Żimbabwe jkun awtorizzati, diment li dawn il-prodotti bażiċi jkun sarilhom it-trattament speċifiku "D", kif stabbilit fil-Parti 4 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE.
- (11) Iż-Żimbabwe huwa mniżżel ukoll fil-Parti 3 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE bħala awtorizzat għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' biltong/jerky u ta' prodotti tal-laħam pasturizzati li jikkonsistu minn jew li fihom laħam tat-tjur, tjur tal-kaċċa bir-rix imrobbija, ratiti u għasafar tal-kaċċa selvaġġi, diment li dawn il-prodotti bażiċi jkun sarilhom it-trattament speċifiku "E". Wara l-konferma tal-preżenza tal-HPAI fit-territorju taż-Żimbabwe u sabiex jiġi evitat li jiddaħħal il-vajrus tal-HPAI fl-Unjoni, jenħtieġ li jiġu awtorizzati l-importazzjonijiet ta' biltong/jerky u ta' prodotti tal-laħam pasturizzati li jikkonsistu minn jew li fihom laħam tat-tjur, tjur tal-kaċċa bir-rix imrobbija, ratiti u għasafar tal-kaċċa selvaġġi miż-Żimbabwe, diment li dawn il-prodotti bażiċi jkun sarilhom it-trattament speċifiku "D" kif stabbilit fil-Parti 4 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE.
- (12) Għalhekk, jenħtieġ li l-Partijiet 2 u 3 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE jiġu emendati skont dan.
- (13) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Partijiet 2 u 3 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE huma emendati skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti li minnhom jistgħu jiġu impurtati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rewwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

L-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE huwa emendat kif ġej:

(1) fil-Parti 2, l-entrata li ġejja għall-Bożnija-Herzegovina tiddaħħal bejn l-entrata għall-Awstralja u l-entrata għall-Bahrain:

Kodiċi ISO	Pajjiż ta' oriġini jew parti minnu	1. Annimali bovini domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa bid-difer mifruq (ħliet il-ħnieżer)	Annimali ovini/kapri domestiċi	1. Annimali porċini domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa mrobbija bid-difer mifruq (ħnieżer)	Annimali solipedi domestiċi	1. Tjur 2. Annimali tal-kaċċa bir-rix imrobbija (ħliet ir-ratiti)	Ratiti mrobbija	Fniek domestiċi u leporidi mrobbija	Annimali tal-kaċċa selvaġġi bid-difer mifruq (ħliet il-ħnieżer)	Ħnieżer selvaġġi	Annimali solipedi selvaġġi	Leporidi selvaġġi (fniek u liebri)	Għasafar tal-kaċċa selvaġġi	Mammiferi tal-art selvaġġi (ħliet l-ungulati, is-solipedi u l-leporidi)
"BA	Il-Bożnija-Herzegovina ⁽³⁾	A	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX"

(2) fil-Parti 2, l-entrata għall-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja hija sostitwita b'dan li ġej:

Kodiċi ISO	Pajjiż ta' oriġini jew parti minnu	1. Annimali bovini domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa bid-difer mifruq (ħliet il-ħnieżer)	Annimali ovini/kapri domestiċi	1. Annimali porċini domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa mrobbija bid-difer mifruq (ħnieżer)	Annimali solipedi domestiċi	1. Tjur 2. Annimali tal-kaċċa bir-rix imrobbija (ħliet ir-ratiti)	Ratiti mrobbija	Fniek domestiċi u leporidi mrobbija	Annimali tal-kaċċa selvaġġi bid-difer mifruq (ħliet il-ħnieżer)	Ħnieżer selvaġġi	Annimali solipedi selvaġġi	Leporidi selvaġġi (fniek u liebri)	Għasafar tal-kaċċa selvaġġi	Mammiferi tal-art selvaġġi (ħliet l-ungulati, is-solipedi u l-leporidi)
"MK	L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (**)	A	A	B	A	A	XXX	A	B	B	XXX	A	XXX	XXX"

(3) fil-Parti 2, l-entrata għall-Afrika t'Isfel tiġi sostitwita b'dan li ġej:

Kodiċi ISO	Pajjiż ta' oriġini jew parti minnu	1. Annimali bovini domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa bid-difer mifruq (ħliet il-ħnieżer)	Annimali ovini/kapri domestiċi	1. Annimali porċini domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa mrobbija bid-difer mifruq (ħnieżer)	Annimali solipedi domestiċi	1. Tjur 2. Annimali tal-kaċċa bir-rix imrobbija (ħliet ir-ratiti)	Ratiti mrobbija	Fniek domestiċi u leporidi mrobbija	Annimali tal-kaċċa selvaġġi bid-difer mifruq (ħliet il-ħnieżer)	Ħnieżer selvaġġi	Annimali solipedi selvaġġi	Leporidi selvaġġi (fniek u liebri)	Għasafar tal-kaċċa selvaġġi	Mammiferi tal-art selvaġġi (ħliet l-ungulati, is-solipedi u l-leporidi)
"ZA	L-Afrika t'Isfel	C	C	C	A	D	D	A	C	C	A	A	D	XXX"

(4) fil-Parti 2, l-entrata għaż-Żimbabwe tiġi sostitwita b'dan li ġej:

Kodiċi ISO	Pajjiż ta' oriġini jew parti minnu	1. Annimali bovini domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa bid-difer mifruq (ħliet il-ħnieżer)	Annimali ovini/kaprini domestiċi	1. Annimali porċini domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa mrobbija bid-difer mifruq (ħnieżer)	Annimali solipedi domestiċi	1. Tjur 2. Annimali tal-kaċċa bir-rix imrobbija (ħliet ir-ratiti)	Ratiti mrobbija	Fniek domestiċi u leporidi mrobbija	Annimali tal-kaċċa selvaġġi bid-difer mifruq (ħliet il-ħnieżer)	Ħnieżer selvaġġi	Annimali solipedi selvaġġi	Leporidi selvaġġi (fniek u liebri)	Għasafar tal-kaċċa selvaġġi	Mammiferi tal-art selvaġġi (ħliet l-ungulati, is-solipedi u l-leporidi)
"ZW	Iż-Żimbabwe (1)	C	C	B	A	D	D	A	B	B	XXX	A	D	XXX"

(5) fil-Parti 3, l-entrata għall-Afrika t'Isfel tiġi sostitwita b'dan li ġej:

Kodiċi ISO	Pajjiż ta' oriġini jew parti minnu	1. Annimali bovini domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa bid-difer mifruq (ħliet il-ħnieżer)	Annimali ovini/kaprini domestiċi	1. Annimali porċini domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa mrobbija bid-difer mifruq (ħnieżer)	Annimali solipedi domestiċi	1. Tjur 2. Annimali tal-kaċċa bir-rix imrobbija	Ratiti	Fniek domestiċi u leporidi mrobbija	Annimali tal-kaċċa selvaġġi bid-difer mifruq (ħliet il-ħnieżer)	Ħnieżer selvaġġi	Annimali solipedi selvaġġi	Leporidi selvaġġi (fniek u liebri)	Għasafar tal-kaċċa selvaġġi	Mammiferi tal-art selvaġġi (ħliet l-ungulati, is-solipedi u l-leporidi)
"ZA	L-Afrika t'Isfel	XXX	XXX	XXX	XXX	D	D	A	XXX	XXX	A	A	D	XXX
	L-Afrika t'Isfel ZA-1	E	E	XXX	XXX	D	D	A	E	XXX	A	A	D	XXX"

(6) fil-Parti 3, l-entrata għaż-Żimbabwe tiġi sostitwita b'dan li ġej:

Kodiċi ISO	Pajjiż ta' oriġini jew parti minnu	1. Annimali bovini domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa bid-difer mifruq (ħliet il-ħnieżer)	Annimali ovini/kaprini domestiċi	1. Annimali porċini domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa mrobbija bid-difer mifruq (ħnieżer)	Annimali solipedi domestiċi	1. Tjur 2. Annimali tal-kaċċa bir-rix imrobbija	Ratiti	Fniek domestiċi u leporidi mrobbija	Annimali tal-kaċċa selvaġġi bid-difer mifruq (ħliet il-ħnieżer)	Ħnieżer selvaġġi	Annimali solipedi selvaġġi	Leporidi selvaġġi (fniek u liebri)	Għasafar tal-kaċċa selvaġġi	Mammiferi tal-art selvaġġi (ħliet l-ungulati, is-solipedi u l-leporidi)
"ZW	Iż-Żimbabwe	XXX	XXX	XXX	XXX	D	D	A	XXX	XXX	E	A	D	XXX"